MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2014

Appell Kriminali Numru. 22/2012

**Il-Pulizija**

**v.**

**Gordon Debono**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Gordon Debono talli f'dawn il-Gżejjer, fis-sena 1999, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet

differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b’risoluzzjoni waħda:

(a) B’meżżi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqedxa b’qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b’oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta’ intrapriżi foloz, jew ta’ ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta’ krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża’ dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ ta’ Lm782.50, liema ammont huwa iktar minn ħames mitt lira, billi ppreżenta ċekk tal-Mid-Med Bank (HSBC) lil Colour Chart għall-ammont ta’ Lm82.50 u ċekk ieħor lil Kamakura għall-ammont ta’ Lm700 għad-detriment ta’ l-istess Colour Chart, Kamakura u persuni oħra;

(b) Għamel qligh ieħor ta’ Lm1,100 b’qerq bi ħsara għal Moyra Sammut u persuni oħra;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tat-3 ta’ Jannar 2012 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikolu 688(d) tal- Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, iddikjarat l-azzjoni estinta bi preskrizzjoni;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Ġenerali ippreżentat fl-20 ta’ Jannar 2012 li permezz tiegħu talab li din il-Qorti tħassar, tannulla u tikanċella s-sentenza appellata u tordna l-prosegwiment tal-kawża fuq il-mertu;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta’ l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; rat in-noti ta’ riferenzi ppreżentati mill-appellant u mill-Avukat Ġenerali; ikkunsidrat:

**5.** L-appellant Avukat Ġenerali jsostni illi l-ewwel Qorti kienet "pależament żbaljata meta ddikjarat li l-azzjoni kriminali fil-konfront ta' l-imputat appellat kienet preskritta". L-Avukat Ġenerali jgħid illi l-pulizija affaċċat diversi problemi sabiex tinnotifika lill-appellat (allura imputat) bl-att taċ-ċitazzjoni. Jgħid illi din il-problema ġiet indikata lill-Qorti f'diversi okkażjonijiet kif ukoll dan l-istat ta' fatt ġie vverbalizżat f'numru ta' seduti li l-appellat kien intraċċabbli. Josserva li f'okkażjoni minnhom il-pulizija ġabet ukoll a konjizzjoni tal-Qorti li l-appellat kien imsiefer. Jirreferi għall-fatt li fis-7 ta' Novembru 2005, fl-24 ta' Awissu 2006 u fit-23 ta' Awissu 2007 kienet saret talba lill-Qorti mill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex il-każ jitħalla *sine die* minħabba li l-appellat ma setax jnstab. Finalment fil-11 ta' Settembru 2007 sar rikors mill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex il-Qorti tappunta l-każ stante li l-appellat kien ġie debitament notifikat wara li nstab l-indirizz ġdid tiegħu. Jgħid illi fil-21 ta' April 2008 l-appellat ġie notifikat. Fis-16 ta' Ġunju 2008 l-appelalt ma deherx u l-Qorti ordnat l-arrest tiegħu. Fil-5 ta' Frar 2009 bdiet il-kumpilazzjoni u sar l-eżami ta' l-appellat u nqrat l-imputazzjoni bil-ġurament. L-appellant Avukat Ġenerali jkompli jissottometti:

> "Illi għalhekk l-esponenti jaqbel mal-kunsiderazzjoni ta' l-Ewwel Qorti li fil-każ in eżami l-perijodu ta' ħames snin għandu jkun dak il-perijodu sabiex jiġi applikat fl-eżerċizzju biex jiġi deċiż jekk l-azzjoni kriminali f'dan il-każ kinitx preskritta jew le. Jaqbel ukoll mal-kunsiderazzjoni li l-ħati kien fil-fatt magħruf u għalhekk iż-żmien tal-preskrizzjoni beda jiddekorri mis-sena 1999.
>
> "Tenut pero` dawn il-fatti, l-esponenti ma jistax jaqbel ma' l-Ewwel Qorti li l-azzjoni fil-konfront ta' l-imputat hija preskritta u r-raġuni hija waħda sempliċi. Illi jidher ċar li l-pulizija għamlet minn kollox sabiex tinnotifika lill-imputat pero` minħabba l-fatt li l-imputat ma setax jinstab, kien isiefer spiss kif ukoll minħabba bdil fl-indirizz tiegħu, dan ma setax iseħħ.
>
> "Illi minħabba dawn ir-raġunijiet iż-żmien ta' preskrizzjoni ġie miksur diversi drabi u dan bid-diversi provi li resqet il-pulizija permezz ta' dak li ġie ddikjarat minn l-Ispetturi tal-Pulizija, permezz ta' preżentata taċ-ċitazzjoni kif ukoll permezz tad-diversi verbali u

rikorsi li saru fejn ġie spjegat li l-imputat ma setax jinstab jew inkella minħabba li kien telaq minn Malta skond ma jidher ċar mill-passaport tiegħu esebit f'atti.

"Illi fil-każ *Il-Pulizija v. Hector Carbonaro* ġie ritenut li l-preskrizzjoni kienet ġiet miksura stante li l-akkużat fil-perijodu ta' ħames snin kien imsiefer minn dawn il-Gżejjer.

"Illi l-Qorti tal-Maġistrati fil-fatt naqset milli tikkonsidra dawn il-provi u tapplikahom fid-dawl ta' dak li jgħid l-artikolu 693(2), L-artikolu 693(2) jgħid:

"*'Iż-żmien tal-preskrizzjoni jinkiser ukoll bil-mandat ta' l-arrest jew, jekk ma jkunx hemm lok għall-arrest, biċ-ċitazzjoni, għalkemm il-mandat ta' l-arrest jew iċ-ċitazzjoni jkunu baqgħu bla effett minħabba li l-imputat jew akkużat jinħeba jew jitlaq minn Malta.'*

"Illi l-pulizija fis-sena 2001 kisret il-preskrizzjoni ta' ħames snin bil-preżentata taċ-ċitazzjoni. Wara l-preżntata taċ-ċitazzjoni mbagħad kien hemm diversi ksur tal-preskrizzjoni bid-diversi dikjarazzjonijiet, rikorsi u verbali li saru mid-diversi spetturi li kienu qegħdin isegwu dan il-każ. Hekk tgħallimna l-Qorti ta' l-Appell fil-kawża *Il-Pulizija v. David Busuttil* fejn f'każ ta' mandat sabiex jikser il-preskrizzjoni *'jeħtieġ li jiġi stabbilit li l-istess mandat ma setax jiġi esegwit minħabba li l-persuna konċernata tkun inħbiet jew tkun telqet minn Malta. Kif appena ssir il-prova fil-Qorti ta' tali impediment għall-eżekuzzjoni tal-mandat (jew taċ-ċitazzjoni), il-preskrizzjoni terġa' tiġi interrotta....'*"

**6.** L-artikolu 693(2) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi, kif ingħad, li l-preskrizzjoni tinkiser fejn il-mandat ta' arrest jew iċ-ċitazzjoni jibqgħu bla effett minħabba li l-imputat "jinħeba jew jitlaq minn Malta" (*"absconded or left Malta"*). Dwar il-kliem sottolineat, din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. David Busuttil** mogħtija fid-9 ta' Frar 2001, qalet hekk:

**"Mill-kliem sottolineat jidher car li biex mandat ta' arrest jikser il-preskrizzjoni mid-data tal-hrug tieghu jehtieg li jigi stabbilit li l-istess mandat ma setax jigi ezegwit minhabba li l-persuna koncernata tkun inhbiet jew tkun telqet minn Malta. Kif appena ssir il-prova fil-qorti ta' tali impediment ghall-ezekuzzjoni tal-mandat (jew tac-citazzjoni), il-preskrizzjoni terga' tigi interrotta, u strettament il-qorti anqas ghandha ghalfejn tiddikjara li l-mandat ta' arrest ghadu "in vigore" – il-mandat jibqa' "in vigore" sakemm ma jigix espressament revokat mill-awtorita` li**

**tkun hargitu – ghalkemm biex wiehed inehhi kull dubbju li jista' talvolta jinqala' huwa desiderabbli li l-qorti tesprimi ruhha kif solitament isir. Pero` ma huwiex il-fatt li l-qorti tiddikjara li l-mandat ghadu "in vigore" li jerga' jikser il-preskrizzjoni, izda hija l-prova maghmula fil-qorti li dak il-mandat ma giex ezegwit minhabba li l-imputat jew akkuzat ikun inheba jew telaq minn Malta."**

**7.** F'dik is-sentenza ngħad ukoll:

**"L-ewwel darba li l-appellant (allura imputat) gie notifikat (bic-citazzjoni) jidher li kien fis-26 ta' Awissu, 1999. Skond ic-citazzjoni huwa kellu jidher quddiem il-Qorti Inferjuri fl-14 ta' Settembru, 1999. F'din l-ahhar data hu ma deherx, u dik il-qorti harget mandat ta' arrest fil-konfront tieghu, u ddifferiet il-kawza ghas-26 ta' Ottubru, 1999. Fis-26 ta' Ottubru, 1999 l-appellant baqa' ma deherx. Ma jirrisultax li f'din l-udjenza tas-26 ta' Ottubru, 1999 saret xi prova da parti tal-prosekuzzjoni biex tispjega ghala l-mandat ta' arrest ma kienx gie ezegwit."**

**8.** Issa, fil-każ in eżami jirriżulta li l-imputazzjonijiet in kwistjoni jirrisalu għas-sena 1999. Iċ-ċitazzjoni ġiet ippreżentata fir-reġistru tal-Qorti fl-1 ta' Marzu 2001 u l-każ appuntat għall-15 ta' Marzu 2001. Mill-verbal relattiv jirriżulta li dakinhar dehret l-Ispettur Helga Debono u ġie verbaliżżat biss li ma tirriżultax notifika u l-każ differit għas-26 ta' April 2001. Din il-Qorti sejra telenka d-diversi differimenti u tindika dak relevanti għal kull seduta:

| | |
|---|---|
| 26 ta' April 2001 | Deher Spt Joseph Cordina li talab differiment. |
| 14 ta' Ġunju 2001 | Ma deher ħadd. |
| 19 ta' Settembru 2001 | L-Ispettur Helga Debono ddikjarat li l-imputat ma nstabx. |
| 5 ta' Novembru 2001 | L-Ispettur Helga Debono nfurmat lill-Qorti li l-imputat għadu ma ġiex intraċċat. |
| 9 ta' Jannar 2002 | L-Ispettur Helga Debono nfurmat lill-Qorti li l-imputat jinsab imsiefer. |

| | |
|---|---|
| 15 ta' Frar 2002 | l-Ispettur Helga Debono nfurmat lill-Qorti li hi sprovvista minn riferti. |
| 4 ta' Marzu 2002 | Deher l-Avukat Dr Ian Farrugia li talab differiment. |
| 24 ta' Ġunju 2002 | Ma deher ħadd. |
| 2 ta' Ottubru 2002 | L-Ispettur Helga Debono nfurmat lill-Qorti li l-imputat ma ġiex intraċċat. |
| 3 ta' Diċembru 2002 | L-Ispettur Helga Debono nfurmat lill-Qorti li l-imputat għadu ma ġiex intraċċat u m'hemmx indikazzjoni ta' fejn jinstab. Il-kawża ġiet differita *sine die*. |

**9.** Sussegwentement saru tliet rikorsi mill-Kummissarju tal-Pulizija fejn talab li l-każ jitħalla *sine die*. F'dak tas-7 ta' Novembru 2005 ġie dikjarat li "l-imputat sallum il-ġurnata għadu ma nstabx mill-Pulizija". F'dak ta' l-24 ta' Awissu 2006 ġie dikjarat li "l-Pulizija ma tinsabx f'pożizzjoni sabiex tinnotifika l-imputat". F'dak tat-23 ta' Ġunju 2007 ġie dikjarat li "l-Pulizija ma tinsabx f'pożizzjoni sabiex tinnotifika l-imputat". L-ebda wieħed minn dawn ir-rikorsi ma hu dekretat. Fl-aħħarnett sar rikors mill-Kummissarju tal-Pulizija fil-11 ta' Settembru 2007 fejn ġie dikjarat li l-Pulizija "irnexxielha ssib l-indirizz ġdid ta' l-imputat u għalhekk hi f'pożizzjoni li tinnotifikah" u għalhekk kien qiegħed jitlob li l-każ jiġi riappuntat. Għalkemm dan ir-rikors ukoll ma hux dekretat, jidher illi l-każ ġie effettivament riappuntat għat-8 ta' Novembru 2007 meta ma deher ħadd u għalhekk differit għall-10 ta' Marzu 2008. Mill-verbal ta' din is-seduta jirriżulta li l-każ ġie differit għas-16 ta' Ġunju 2008 minħabba talba tal-Kummissarju tal-Pulizija sabiex il-membri kollha tal-Korp tal-Pulizija jiġu eżentati milli jattendu l-Qrati minħabba l-Elezzjoni Ġenerali. Għas-seduta tas-16 ta' Ġunju 2008 l-imputat ma deherx u l-Ispettur Maurice Curmi esebixxa riferta posittiva u nħareġ mandat ta' arrest. Mir-riferta jirriżulta li saret notifika ta' l-imputat f'idejn ċertu Freddy Spiteri f'Lifan Showroom, Mdina Road, Zebbug fil-21 ta' April 2008. Għas-seduta sussegwenti deher l-Ispettur Maurice Curmi li nforma lill-Qorti li l-imputat ma kienx "notifikat". L-imputat deher finalment fis-seduta tad-9 ta' Diċembru 2008.

**10.** Minn dan kollu jidher illi fl-ebda seduta ma saret xi prova da parti tal-prosekuzzjoni biex tispjega għala l-appellat ma ġiex rintraċċat. Fl-unika okkażjoni fejn ġie dikjarat li l-appellat kien imsiefer, ma saret l-ebda prova dwar dan. Il-prosekuzzjoni qatt ma ppruvat tispjega x'passi kienet qed tieħu biex tirrintraċċa lill-appellat, lanqas meta ppreżentat ir-rikorsi sabiex il-każ jitħalla *sine die* (dan meta l-każ kien tħalla *sine die* mill-Qorti fit-3 ta' Diċembru 2002). Huwa ovvju li l-iskop ta' dawn ir-rikorsi kien sabiex jintwera lill-Qorti li kien qiegħed isir xi ħaġa biex jiġi rintraċċat l-appellat. Iżda ma sarx tentattiv biex jiġi spjegat x'kien qiegħed isir. Saħansitra meta ġiet sollevata l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni quddiem l-ewwel Qorti ma ġiet offruta l-ebda prova da parti tal-prosekuzzjoni. Fuq kollox din il-Qorti nnutat illi qatt ma ġew esebiti riferti (salv għal dik li saret referenza għaliha f'paragrafu 9 li ġġib id-data tan-notifika 21 ta' April 2008).

**11.** Hawn din il-Qorti ma tistax ma tirreferix u tislet parallel minn dak li ntqal fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Dougall** deċiż fid-9 ta' Mejju 1997 fejn si tratta ta' notifika ta' xhieda:

> **"Kif din il-Qorti irriteniet f'diversi sentenzi, biex l-Avukat Ġenerali (jew, skond il-każ, il-kwerelant) ikun jista' jinvoka dana l-aggravju f'każijiet fejn ix-xhud li tkun trid il-prosekuzzjoni ma jidhirx, irid jirrisulta mill-atti u bħala minimu li dak ix-xhud kien ġie debitament notifikat (ara, inter alia, P. v. Joseph Sharfid, 12/4/96; P. v. Monica Schranz, 21/2/97, it-tnejn appelli kriminali) jew li l-prosekuzzjoni għamlet dak kollu minnha mistenni biex tipprova tinnotifikah. Il-prova li xhud ġie notifikat jew li sar tentattiv ta' notifika għandha ssir, bhala regola, permezz tar-riferta."** (sottolinear ta' din il-Qorti).

**12.** Minbarra dan kollu m'hemm l-ebda evidenza li l-appellat inħeba. Kwantu għall-fatt tas-safar, fix-xiehda tiegħu l-appellat qal li hu siefer spiss fuq xogħol u li fis-sena 2001 u 2002 "jekk stajt kont imsiefer f'xi perijodu tat-2001 u 2002 kien kwistjoni ta' ġimgħa l-iktar". Il-passaport li huwa esebixxa nħareġ fil-11 ta' Lulju 2002. Minnu jirriżultaw is-segwenti safriet: 13 ta' Lulju 2002 sad-19 ta' Lulju 2002, 2 ta' Settembru 2002 sal-5 ta' Settembru 2002, 24 ta' Frar 2003 sas-27 ta' Frar 2003, 26 ta' Ottubru 2003 sat-28 ta' Ottubru 2003, 12 ta' Jannar

2004 sa l-14 ta' Jannar 2004, 2 ta' Frar 2004 sa l-4 ta' Frar 2004 u 22 ta' Marzu 2004. Hemm indikati mbagħad għaxar safriet oħra lil pajjiżi li ma jiffurmawx parti mill-Unjoni Ewropeja u li seħħew, waħda fis-sena 2004, waħda fis-sena 2005, waħda fis-sena 2006, tlieta fis-sena 2007 u tlieta fis-sena 2008, ilkoll ta' ftit jiem. Dan kollu, fil-fehma ta' din il-Qorti, juri li l-appellat ma "telaqx" minn Malta (bħalma għall-kuntrarju kien ġara fil-każ ta' Hector Carbonaro). Anzi l-appellat kompla bix-xogħol kummerċjali tiegħu hawn Malta kif anke jidher mid-dokumenti esibiti *animo ritirandi* quddiem din il-Qorti kif ukoll mid-Dok JKP esebit quddiem l-ewwel Qorti u konsistenti fid-dokumenti relatati mas-soċjeta` Leisure Holidays Ltd (issa Inovest Ltd).

**13.** Jiġifieri anke jekk jista' jingħad li l-perijodu preskrittiv inkiser bil-preżentata taċ-ċitazzjoni, ma nġabet l-ebda prova mill-prosekuzzjoni li din ma ġietx notifikata għax l-appellat "inħeba jew telaq minn Malta". L-appellat baqa' Malta, siefer biss okkażjonalment għal ftit jiem kull darba, u bħalma l-pulizija "rnexxielha" ssib l-indirizz ġdid tiegħu f'Settembru 2007 – mingħajr ukoll ma spjegat kif irnexxielha ssib tali indirizz – din il-Qorti hi tal-fehma li bl-istess mod setgħet issib tali indirizz qabel ma skada l-perijodu preskrittiv.

**14.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------